

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 508/2013

tad-29 ta' Mejju 2013

li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' elettrodi tungstenu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea <sup>(1)</sup> ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 9(4) u 11(2), (5) u (6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

## A. PROĊEDURA

## 1. Miżuri fis-seħħ

(1) Wara investigazzjoni (l-"investigazzjoni oriġinali"), il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 260/2007 <sup>(2)</sup>, impona dazju definittiv ta' antidumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti elettrodi tungstenu li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("ir-RPĊ") (il-"miżuri oriġinali"). Il-miżuri ħadu l-forma ta' dazju *ad valorem* ta' 63,5 % għall-kumpaniji kollha ħlief tliet produtturi Ċiniżi li jesportaw li ġew mogħtija dazji individwali.

## 2. Bidu ta' rieżami ta' skadenza

(2) Fit-9 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' avviż ("Notifika ta' bidu") <sup>(3)</sup>, ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri antidumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' ċerti elettrodi tungstenu li joriġinaw fir-RPĊ.

(3) Ir-rieżami nbdiel wara li ġiet ippreżentata talba ssostanzjata minn Eurométaux ("l-applikant") fisem produttur tal-Unjoni li jirrappreżenta aktar minn 50 %, tal-produttur tal-Unjoni ta' ċerti elettrodi tungstenu.

(4) It-talba hi bbażata fuq il-fatt li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx tirriżulta f'issoktar ta' dumping u dannu għall-industrija tal-Unjoni.

## 3. Investigazzjoni

3.1. *Perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami u l-perjodu kkunsidrat*

(5) L-investigazzjoni tal-kontinwazzjoni jew tar-rikorrenza tad-dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 ("il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami" jew il-"PIR"). L-eżaminazzjoni tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza tal-ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sa tmiem il-PIR (il-"perjodu meqjus").

3.2. *Partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni*

(6) Il-Kummissjoni uffiċjalment avżat lill-applikant, lill-produttur magħruf l-ieħor tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi fir-RPĊ, lil importaturi u utenti mhux relatati magħrufa li huma kkonċernati, produtturi f'pajjiżi analogi potenzjali kif ukoll lir-rappreżentanti tar-RPĊ bil-bidu tar-rieżami tal-iskadenza. Il-partijiet interessati ngħataw l-oportunità li jesprimu fehmethom bil-miktub u li jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-Notifika ta' bidu.

(7) Il-partijiet interessati kollha, li talbu dan u wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw smigħ.

(8) Fid-dawl tal-għadd apparentament kbir ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ u importaturi mhux relatati fl-Unjoni involuti fl-investigazzjoni, ġie pjanat it-teħid ta' kampjuni għal dawn il-partijiet fin-Notifika ta' bidu, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk it-teħid ta'

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

<sup>(2)</sup> ĠU L 72, 13.3.2007, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 71, 9.3.2012, p. 23.

kampjuni jkunx meħtieġ u, jekk dan ikun il-każ, tagħżel kampjun, il-partijiet imsemmija hawn fuq intalbu, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, jippreżentaw irwieħhom fi żmien 15-il jum mill-pubblikazzjoni tal-avviż ta' bidu u jipprovdu l-informazzjoni mitluba fin-Notifika ta' bidu lill-Kummissjoni.

- (9) Tliet importaturi ppreżentaw irwieħhom. L-ebda wieħed minnhom, madankollu, ma importa ċerti elettrodi tungstenu li joriġinaw fir-RPĊ matul il-PIR.
- (10) Billi kienu biss żewġ produtturi esportaturi mir-RPĊ li pprovdu l-informazzjoni mitluba ma kienx hemm bżonn li jintgħażel kampjun ta' produtturi esportaturi.
- (11) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet kollha magħrufa kkonċernati u lil dawk li ppreżentaw irwieħhom fl-iskadenzi stabbiliti fin-Notifika ta' bidu. Waslu tweġibiet mingħand żewġ produtturi tal-Unjoni, żewġ produtturi esportaturi fir-RPĊ u produttur wieħed fl-Istati Uniti tal-Amerika.
- (12) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset li kienet neċessarja għad-determinazzjoni tal-probabbiltà tal-issoktar jew ir-rikorrenza ta' dumping u l-ħsara li tirriżulta minnu u d-determinazzjoni ta' dak li hu fl-interess tal-Unjoni. Saru żjarat ta' verifika fl-istabbilimenti tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) *Produtturi tal-Unjoni*

- Plansee SE, l-Awstrija
- Gesellschaft für Wolfram Industrie mbH, il-Ġermanja

(b) *Produtturi esportaturi fir-RPĊ*

- Shandong Weldstone Tungsten Industry Co., Ltd., Zibo,
- Shaanxi Yuheng Tungsten & Molybdenum Industrial Co., Ltd Baoji

(c) *Kumpanija relatata ma' produttur esportatur wieħed li kkoopera fir-RPĊ*

- Shanghai Weldstone Asia Co., Ltd., Shanghai

(d) *Kumpaniji relatati ma' produttur esportatur wieħed li kkoopera fl-Unjoni Ewropea*

- Weldstone GmbH, Wilnsdorf, il-Ġermanja
- Binzel Benelux bvba, Eke – Nazareth, il-Belġju

(e) *Pajjiż Analogu*

- Global Tungsten & Powders Corp, Towanda, l-Istati Uniti

**B. PRODOTT TAĦT RIEŻAMI U PRODOTT SIMILI**

- (13) Il-prodott ikkonċernat huwa l-istess bħal dak kopert mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2007, jiġifieri elettrodi tungstenu għall-issaldjar, inklużi biċċiet u vireg għall-iwweldjar tal-elettrodi, li fihom 94 % jew aktar bil-piż ta' tungstenu, ħliet dawk magħmulin sempliċiment minn sinterizzazzjoni, kemm jekk maqtugħin għat-tul, li joriġinaw fir-RPĊ ("ET" jew "il-prodott li qed jiġi rieżaminat"), li bħalissa huma kklassifikati fil-kodiċi NM ex 8101 99 10 u ex 8515 90 00.
- (14) Il-prodott taħt rieżami huwa użat fl-iwweldjar u proċessi simili. L-ET jintużaw f'varjetà kbira ta' setturi industrijali bħalma huma l-kostruzzjoni, il-bini tal-vapuri, il-manifattura tal-karozzi, l-inġinerija tal-baħar, l-inġinerija kimika u dik nukleari, it-teknoloġija tal-avjazzjoni kif ukoll il-linji ta' pajpijiet taż-żejt u tal-gass. Fuq il-bażi tal-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi u tas-sostitwibbiltà tat-tipi differenti tal-prodott mill-perspettiva tal-utent, għall-għan ta' dan il-proċediment l-ET kollha se jkollhom jitqiesu li jiffurmaw prodott wieħed.
- (15) L-investigazzjoni kkonfermat li, bħal fl-investigazzjoni oriġinali, il-prodott taħt rieżami u dak manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tar-RPĊ, kif ukoll dak immanifatturat u mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u dik prodotta u mibjugħa fis-suq tal-pajjiż analogu għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u l-istess użi, u għalhekk meqjusa li huma simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

**C. PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW RIKORRENZA TA' DUMPING**

**1. Kummenti preliminari**

- (16) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk id-dumping kienx qed isseħħ fil-preżent u jekk l-iskadenza tal-miżuri kellhiex il-probabbiltà li twassal għall-kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping.
- (17) Kif spjegat hawn fuq, ma kienx hemm bżonn li jintgħażel kampjun ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ. Iż-żewġ kumpaniji li kkooperaw koprew l-importazzjonijiet tal-prodott konċernat mir-RPĊ lejn l-Unjoni fmedda ta' bejn 80 % u 85 % matul il-PIR. Fuq din il-bażi, kien konkluż li l-kooperazzjoni kienet għolja.
- (18) Wieħed mill-produtturi esportaturi li kkoopera bbenefika minn trattament ta' ekonomija tas-suq ("TES") skont l-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, filwaqt li t-tieni bbenefika minn trattament individwali ("TI") skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku, mogħtja lilhom matul l-investigazzjoni oriġinali. Tajjeb li jifakkar li f'dan il-kuntest tal-investigazzjonijiet skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, TES u TI mhumiex ikkunsidrati mill-ġdid. Kumpanija terza, li ma tikkooperax f'dan ir-rieżami ta' skadenza, nġhatat TI fl-investigazzjoni oriġinali.

## 2. Dumping ta' importazzjonijiet matul il-PIR

### 2.1. Pajjiż analogu

- (19) Minħabba li r-PCP hija ekonomija fi tranżizzjoni u f'konformità mad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali għal produtturi esportaturi li ma ngħatawx trattament ta' ekonomija tas-suq irid jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet jew il-valur ikkalkulat f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq ("pajjiż analogu").
- (20) Bħal fl-investigazzjoni oriġinali, l-Istati Uniti tal-Amerika ġie propost bħala pajjiż analogu fin-Notifika ta' bidu biex jiġi stabbilit il-valur normali. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità jikkumentaw dwar l-adegwatezza ta' din l-għażla. Ma waslux kummenti f'dan irrigward.
- (21) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk pajjiżi oħrajn setgħux ikunu għażla raġonevoli bħala pajjiż analogu u identifikaw pajjiżi terzi oħra li minnhom l-importazzjonijiet ta' elettrodi tungstenu kienu rreġistrati fil-Eurostat. Produtturi potenzjali magħrufa f'dawn il-pajjiżi ġew ikkuntattjati u mistiedna jikkooperaw fl-investigazzjoni. Madankollu, ma nkisbet l-ebda koperazzjoni.
- (22) Tqies li l-Istati Uniti tal-Amerika kienu rappreżentattivi bħala suq ta' referenza, speċjalment fid-dawl tal-libertà u l-kompetittività tas-suq domestiku Amerikan. L-Istati Uniti ntużaw ukoll bħala pajjiż analogu fl-investigazzjoni oriġinali. L-ebda ċirkostanzi ġodda jew mibdula li jiġġustifikaw bidla ma jidhru li jeżistu jew ġew ikkomunikati tali ċirkostanzi lill-Kummissjoni.
- (23) Għalhekk, l-Istati Uniti ntużaw bħala pajjiż b'ekonomija tas-suq analogu għall-iskop ta' dan ir-rieżami. L-uniku produttur magħruf fl-Istati Uniti ġie kkuntattjat u qabel li jikkoopera, iwieġeb għall-kwestjonarju u jaċċetta żjara ta' verifika. Iċ-ċifri tal-produzzjoni u l-bejgħ vverifikati ta' din il-kumpanija ġew użati għad-determinazzjoni tal-valur normali għall-kumpaniji li ma ngħatawx t-TES fl-investigazzjoni oriġinali.

### 2.2. Valur normali

- (24) Għall-kumpanija li ngħatat TES fl-investigazzjoni oriġinali, il-valur normali ġie stabbilit abbażi tad-data tagħha. Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk il-bejgħ domestiku tat-TE lil klijenti indipendenti matul il-PIR, jiġifieri, jekk il-volum tal-bejgħ tal-prodott maħsub għall-konsum domestiku jirrappreżentax il-5 % jew aktar tal-esportazzjonijiet tagħhom tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni taħt rieżami.

- (25) Sussegwentement ġie eżaminat jekk il-bejgħ domestiku ta' dan it-tip ta' prodott jistax jitqies bħala bejgħ li sar fl-andament normali tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku, billi ġie stabbilit il-proporzjon ta' bejgħ bi profitt lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku.
- (26) Għat-tipi tal-prodott ikkonċernat fejn il-bejgħ domestiku kien rappreżentattiv u sar fil-kummerċ normali, il-valur normali ġie stabbilit abbażi tal-prezzijiet li tħallsu mill-klijenti indipendenti fil-pajjiż ta' esportazzjoni. Għat-tipi li jifdal tal-prodott li qed jiġi rieżaminat, il-valur normali kellu jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-valur normali li ġie stabbilit kien ikkalkulat skont l-ispejjeż tal-manifattura għall-kumpanija u l-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi (B&A) u l-profitt miksub fuq bejgħ domestiku li sar fl-andament ordinarju tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku.
- (27) Wara l-iżvelar parti waħda qalet li l-metodoloġija użata biex jiġu determinati l-ispejjeż tal-B&A kienet differenti minn dik użata fl-investigazzjoni oriġinali li seta' jkollha impatt fuq it-twaqqif tal-marġni ta' profitt użat biex jiġi kkalkulat il-valur normali maħdum skont l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku. Minbarra l-informazzjoni li ngħatat qabel fl-investigazzjoni, il-parti ma ssostanzjatx it-talba tagħha bl-ebda evidenza. Huwa nnotat li skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, l-ispejjeż B&A kienu allokati fuq il-bażi tad-dħul u li din il-metodoloġija kienet użata wkoll fl-investigazzjoni oriġinali.
- (28) Il-profitt użat fl-investigazzjoni oriġinali ma kienx mit-test OCOT (andament normali tal-kummerċ) hekk kif l-ebda wieħed mit-tipi esportati tal-prodott ikkonċernat ma nbiegħu fis-suq domestiku fl-andament normali tal-kummerċ. Ir-rieżami tal-iskadenza attwali wera li xi tipi tal-prodott ikkonċernat kienu qed jagħmlu profitt u b'hekk, skont l-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku, il-profitt ta' dawn it-tranżazzjonijiet li kienu qed jagħmlu profitt kien użat għat-twaqqif tal-valur normali.
- (29) Safejn jikkonċerna l-kumpaniji li ma ngħatawx it-TES fl-investigazzjoni oriġinali, skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali ġie stabbilit abbażi tal-informazzjoni li ngħabt mingħand il-produttur li kkoopera fil-pajjiż analogu. Il-bejgħ domestiku tal-produttur fil-pajjiż analogu instab li jsir fi kwantitajiet suffiċjenti u fl-andament ordinarju tal-kummerċ u għalhekk jista' jintuża bħala bażi sabiex jiġi stabbilit il-valur normali għal kumpanija biex ma tingħatax it-TES.

### 2.3. Prezz tal-esportazzjoni

- (30) Fir-rigward tal-kumpanija li ngħatat TES, il-bejgħ kollu tal-esportazzjoni lejn il-Komunità sar permezz ta' importaturi relatati u sussegwentement inbiegħ mill-ġdid fl-Unjoni lil kumpaniji relatati u oħrajn mhux relatati. B'hekk il-prezz tal-esportazzjoni għie kkalkulat, skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodotti importati nbiegħu mill-ġdid għall-ewwel darba lil xerrej indipendenti, aġġustat kif jixraq għall-ispejjeż kollha li nqalgħu bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, kif ukoll għal marġni raġonevoli għall-BG&A u għall-profitti. F'dan ir-rigward, intużaw l-ispejjeż tal-BG&A tal-kumpaniji relatati stess.
- (31) Wara l-iżvelar parti waħda saħħqet li meta kienu qed jiġu stabbiliti l-BG&A tal-importaturi relatati, tqiesu ċerti spejjeż li kienu relatati mal-bejgħ ta' prodotti oħrajn minbarra l-prodott ikkonċernat u li dawn l-ispejjeż b'hekk għandhom jitwarrbu. Huwa nnotat li l-ispejjeż BG&A hekk kif provduti mill-kumpaniji kkonċernati għew ikkunsidrati mat-twaqqif tal-prezz ta' esportazzjoni skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. It-talba li l-ispejjeż BG&A rrapportati inkludew l-ispejjeż BG&A mill-bejgħ ta' prodotti oħrajn ma kinetx appoġġjata minn kwalunkwe evidenza u b'hekk rtwarrbet.
- (32) Barra minn hekk, il-kummenti mogħtija mill-parti interessata fuq prezzijiet ta' esportazzjoni kienu bbażati fuq kwotazzjoni żbaljata tal-munita rilevanti. B'hekk din it-talba twarrbet.
- (33) Sa fejn huwa kkonċernat il-marġni ta' profitt, l-ebda importatur mhux relatat fl-Unjoni ma kkoopera. Fl-investigazzjoni oriġinali, il-marġni ta' profitt tal-importaturi relatati kien użat, ibbażat fuq il-fatt li l-attivitajiet tal-importaturi mhux relatati ma kinux biżżejjed komparabbli ma' dawk tal-importatur relatat kkonċernat. L-investigazzjoni wriet li l-attivitajiet tal-importatur relatat kienu l-istess matul il-PIR hekk kif matul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri l-maġġoranza ta' ET importati għet ulterjorment integrata fil-prodott ewlieni manifatturat mill-grupp, it-torċ għall-iwweldjar. Għandu jkun innotat ukoll li l-ET huma ta' valur minuri meta mqabbel mal-prodott finali. Fuq din il-bażi u bħal fl-investigazzjoni oriġinali għie konkluż li l-marġni tal-profitt personali tal-importatur relatat jikkostitwixxi bażi preċiża bħala marġni ta' profitt għall-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni.
- (34) Fir-rigward tal-kumpanija li ngħatat TI fl-investigazzjoni oriġinali, il-bejgħ kollu ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni sar direttament lil klijenti indipendenti stabbiliti fl-Unjoni. Skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, il-prezz tal-esportazzjoni għie stabbilit abbażi tal-prezzijiet effettivament imħallsa jew li għandhom jitħallsu.
- (35) Id-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi l-oħrajn kollha stabbiliti fir-RPĊ kienet ibbażata fuq statistika tal-importazzjonijiet disponibbli fil-bażi tad-data tal-Artikolu 14(6).

- (36) Skont l-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku, il-prezzijiet tal-esportazzjoni għew stabbiliti bit-tnaqqis tad-dazji antidumping imħallsa, hekk kif l-ebda waħda mill-partijiet ma tat evidenza li d-dazju għie verament riflless fil-prezzijiet għall-bejgħ mill-ġdid jew fil-prezzijiet ta' bejgħ sussegwenti fis-suq tal-Unjoni.

### 2.4. Tqabbil

- (37) It-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni sar fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.
- (38) Għall-għan li jkun żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni taż-żewġ produtturi esportaturi li kkooperaw u skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, saret konċessjoni dovuta fil-forma ta' aġġustamenti fir-rigward ta' ċerti differenzi fit-trasport, l-assigurazzjoni, it-taxxi u l-ispejjeż tal-kreditu li affettwaw il-prezzijiet u t-tqabbil tal-prezzijiet.

### 2.5. Marġni tad-dumping

- (39) Kif stipulat fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-marġni tad-dumping kien stabbilit fuq bażi ta' tqabbil bejn il-valur medju normali peżat u l-prezz medju tal-esportazzjoni peżat.
- (40) Għal produttur esportatur li kkoopera u li ngħata TES fl-investigazzjoni oriġinali, dan it-tqabbil wera li din il-kumpanija kompliet d-dumping fl-livelli sinifikanti.
- (41) Għal produttur esportatur li kkoopera u li ngħata TI fl-investigazzjoni oriġinali kif ukoll il-marġni ta' dumping nazzjonali applikabbli għall-produtturi esportaturi l-oħra kollha li ma kkooperawx fir-RPĊ wera livell ta' dumping sinifikanti, ogħla minn dak li kien instab fl-investigazzjoni oriġinali.

## 3. Żvilupp tal-importazzjonijiet f'każ li jiġu revokati l-miżuri

### 3.1. Kumment preliminari

- (42) Minbarra l-analiżi tal-eżistenza ta' dumping matul il-PIR, għet investigata l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping jekk jiġu revokati l-miżuri.
- (43) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jirrappreżentaw biss madwar 10 % tal-produzzjoni totali tal-kapaċità fir-RPĊ. Għalhekk, is-sejbiet kellhom jiġu bbażati l-aktar fuq l-informazzjoni mogħtija fit-talbiet għal rieżami kif ukoll informazzjoni disponibbli għall-pubbliku. L-imġiba tal-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi Ċiniżi lejn swieq oħra ta' pajjiżi terzi, il-kapaċità ta' produzzjoni Ċiniża kif ukoll l-kapaċitajiet ta' riżerva disponibbli u l-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni għall-esportaturi Ċiniżi kienu ikkunsidrati b'mod partikolari.



### 3.2. *Imġiba tal-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi Ċiniżi lejn swieq oħra ta' pajjiżi terzi*

- (44) Fejn huma kkonċernati l-esportazzjonijiet lejn swieq oħra ta' pajjiżi terzi, għandu jkun innutat li l-informazzjoni statistika disponibbli mill-bażijiet ta' data pubbliċi Ċiniżi tkopri kamp ta' applikazzjoni usa' tal-prodott mill-prodott taħt rieżami u għalhekk l-ebda analiżi sinifikanti ta' kwantitajiet esportati lejn swieq oħrajn jew il-prezzijiet fuq dawn is-swieq jistgħu jkunu magħmula. Żewġ produtturi li kkooperaw mir-RPĊ ma esportawx lejn kliġenti mhux relatati f'swieq terzi oħrajn. Fuq din il-bażi, il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn swieq oħra ta' pajjiżi terzi matul il-PIR ma setgħux jiġu stabbiliti b'mod affidabbli u l-ebda konklużjonijiet ma jistgħu jiġu dedotti fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli.

### 3.3. *Kapaċità ta' riżerva tal-produtturi Ċiniżi*

- (45) Id-data li fuq il-bażi tagħha ssir l-analiżi hawn taħt ġiet ipprovduta mill-applikant fit-talba għal rieżami u kienet verifikata għal darb'oħra ma' informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.
- (46) Fuq din il-bażi, kapaċitajiet ta' produtturi fir-RPĊ ġew stmati għal 1 600 000 kg. L-istima tal-applikant tal-użu tal-kapaċità tal-produtturi Ċiniżi hija madwar 63 % li tirriżulta f'kapaċità mhux użata ta' madwar 600 000 kg, aktar minn kważi ħames darbiet il-konsum tal-Unjoni totali matul il-PIR. Għalhekk, hemm kwantitajiet kbar disponibbli għall-esportazzjoni mir-RPĊ, b'mod partikolari għaliex ma hemm l-ebda indikazzjoni li s-swieq ta' pajjiżi terzi jew is-suq domestiku jista' jassorbi din il-kapaċità żejda sinifikanti.

### 3.4. *Volum u prezzijiet tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ*

- (47) Importazzjonijiet mir-RPĊ lejn l-Unjoni żdiedu b'9 % matul il-perjodu kkunsidrat u laħqu l-livell ferm ogħla minn 50 000 kilogramm matul il-PIR li jirrappreżentaw madwar nofs il-konsum totali tal-Unjoni matul il-PIR.
- (48) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-prezzijiet tal-importazzjoni kienu qed ivarjaw u segwew l-istess xejriet bħall-prezzijiet ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. B'mod ġenerali, il-prezzijiet tal-importazzjoni żdiedu bejn l-2008 u l-PIR b'42 % u kienu għadhom flivelli dumped. It-tkabbir fil-prezz huwa prinċipalment spjegat minn spiża ogħla tal-materja prima ewlenija (trab tat-tungstenu) matul il-PIR.

### 3.5. *Attrattività tas-suq tal-Unjoni*

- (49) Is-suq tal-Unjoni huwa fost l-ikbar fid-dinja billi jilħaq 20 % tal-konsum dinji ta' ET Il-kumpaniji Ċiniżi wrew interess serju li jiżviluppaw il-preżenza tagħhom fis-suq

tal-Unjoni li hija appoġġjata mill-fatt li żammew u żiedu wkoll is-sehem sinifikanti tagħhom tas-suq ta' 45 % matul il-PIR.

### 3.6. *Konklużjoni dwar il-probabbiltà tal-issoktar tad-dumping*

- (50) L-analiżi ta' hawn fuq turi li l-importazzjonijiet Ċiniżi jkomplu jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet dumped b'marġnijiet ta' dumping għoli ħafna. Minħabba li note-volment, l-analiżi tal-livelli tal-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni, u l-interess li esportaturi Ċiniżi wrew fis-suq tal-Unjoni, kif ukoll kapaċitajiet żejda sinifikanti disponibbli fir-RPĊ, li jmorru lil hinn sew mill-konsum totali tal-Unjoni, jista' jiġi konkluż li hemm probabbiltà kbira ta' tkomplija ta' dumping jekk il-miżuri jitnehew.

## D. SITWAZZJONI FIS-SUQ TAL-UNJONI

### 1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni**

- (51) L-investigazzjoni preżenti kkonfermat li l-ET huma mmanifatturati minn żewġ produtturi fl-Unjoni. Iż-żewġ produtturi kkooperaw bis-sħiħ fl-investigazzjoni.
- (52) Dawn il-kumpaniji jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku u minn hawn 'il quddiem se ssir referenza għalihom bħala l-"industrija tal-Unjoni".

### 2. **Kumment preliminari**

- (53) Peress li hemm biss żewġ kumpaniji li jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni, id-data li tirreferi għall-industrija tal-Unjoni jew se tiġi ppreżentata f'forma ta' indiċi jew firxiet, sabiex tiġi mħarsal-kunfidenzjalità skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku.
- (54) Minħabba li l-importazzjonijiet taħt il-livell tal-kodiċi NM mill-Eurostat inkludew ukoll prodotti li mhumiex ET, informazzjoni fuq l-importazzjonijiet ġiet analizzata fil-livell tal-kodiċi TARIC, supplementata mill-informazzjoni miġbura skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku. Id-data tat-TARIC titqies bħala kunfidenzjali peress li tipprovdli livell ta' dettall li tippermetti l-identifikazzjoni tal-partijiet. Għal din ir-raġuni xi informazzjoni ġiet ippreżentata f'firxiet.

### 3. **Konsum tal-unjoni**

- (55) Il-konsum tal-Unjoni ġie stabbilit abbażi tal-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, u data tal-importazzjoni mill-Eurostat fil-livell tal-kodiċi TARIC, supplementata bl-informazzjoni mid-data miġbura skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku.
- (56) Bejn l-2008 u l-PIR ("il-perjodu meqjus"), il-konsum tal-Unjoni naqas b'16 %. Il-konsum fl-Unjoni naqas sostanzjalment bejn l-2008 u l-2009, u żdied minn dak iż-żmien, mingħajr ma laħaq il-livelli ta' qabel il-kriżi matul il-PIR. Mill-quċċata baxxa fl-2009 għall-PIR, il-konsum tal-Unjoni żdied bi kważi 40 %.

Tabella 1

**Konsum**

Volum (kilogrammi)	2008	2009	2010	PIR
Konsum	140 000 – 150 000	90 000 – 100 000	110 000 – 120 000	120 000 – 130 000
Indiċi (2008 = 100)	100	61	75	84

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju, Eurostat, bażi ta' data tal-Artikolu 14(6)

#### 4. Volum u sehem mis-suq ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ

- (57) Il-volumi u s-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ ġie stabbilit abbażi tal-informazzjoni statistika pprovdut fuq il-livell TARIC supplimentat bl-informazzjoni mid-data miġbura skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku.
- (58) Minkejja t-tnaqqis assolut fil-konsum tal-Unjoni, il-volum ta' importazzjonijiet tal-prodott rieżaminat li joriġina fir-RPĊ żdied b'9 % matul il-perjodu kkunsidrat, b'żamma ta' livell ferm ogħla minn 50 000 kg matul il-PIR (ara t-Tabella 2). Din iż-żieda, flimkien ma' tnaqqis ġenerali fil-konsum tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat wasslu għal żieda tas-sehem tas-suq tal-esportaturi Ċiniżi għal madwar nofs is-suq totali tal-Unjoni.

Tabella 2

**Importazzjonijiet fir-RPĊ**

	2008	2009	2010	PIR
Volum	51 771	36 188	39 953	56 289
Indiċi (2008 = 100)	100	70	77	109
Sehem mis-suq (%)	35 - 40	35 - 40	35 - 40	45 - 50

Sors: Eurostat, bażi ta' data tal-Artikolu 14(6)

### 5. Prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ

#### 5.1. Evoluzzjoni tal-prezzijiet

- (59) Il-prezzijiet mir-RPĊ żdiedu fir-reġjun ta' 40 % bejn is-sena 2008 u l-PIR, b'żieda qawwija matul il-PIR. It-tkabbir fil-prezz huwa prinċipalment spjegat minn spiża ogħla tal-materja prima ewlenija (trab tat-tungstenu) matul il-PIR.

Tabella 3

**Prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ**

	2008	2009	2010	PIR
Prezzijiet EUR/Kg	36,59	33,83	41,56	51,83
Indiċi (2008 = 100)	100	92	114	142

Sors: Eurostat, bażi ta' data tal-Artikolu 14(6)

#### 5.2. Twaqqigħ tal-prezz

- (60) L-investigazzjoni żvelat li l-prezzijiet tal-importazzjoni mir-RPĊ waqqgħu l-prezzijiet medji tal-industrija tal-Unjoni. Kien stabbilit marġni tat-twaqqigħ tal-prezz ta' 37 % matul il-PIR, u meta jiġi inkluż id-dazju antidumping fil-kalkolu, il-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz kien għadu sinifikanti flivell ta' 24 %. Il-kalkolu kien ibbażat fuq tqabbil tal-prezzijiet tal-esportazzjoni CIF tal-produtturi esportaturi li kkooperaw mal-medja tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni flivell ex-work. Il-prezzijiet tqiesu li kienu rappreżentattivi għar-RPĊ hekk kif iż-żewġ produtturi esportaturi li kkooperaw koprew madwar 80 % tal-importazzjonijiet ta' ET mir-RPĊ.
- (61) Wara l-iżvelar produttur esportatur wieħed stqarr li l-prezzijiet ma kinux imqabbla fuq bażi skont it-tip u minħabba varjazzjonijiet sinifikanti allegati tal-prezzijiet bejn tipi ta' prodotti differenti, il-livelli tat-twaqqigħ ikkalkulati ma kinux sinifikanti. Fuq il-baży tal-informazzjoni disponibbli, tqabbil tal-prezzijiet fuq baży skont it-tip kien possibbli biss għal parti mill-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u biss għal parti mill-bejgħ tal-esportazzjonijiet li saru lill-Unjoni. Madankollu l-parti ma ppreżentatx evidenza li tista' tixħet dubju fuq ir-raġonevolezza tal-metodoloġija applikata. B'hekk din it-talba twarrbet.
- (62) Wara l-iżvelar ġie mistqarr ukoll li l-prezzijiet tal-importazzjoni Ċiniżi u l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni ma ġewx imqabbla fl-istess livell tal-kummerċ. Din it-talba ma kinitx sostanzjata hekk kif il-parti kkonċernata ma tat l-ebda informazzjoni jew evidenza li wriet differenzi konsistenti u distinti fil-funzjoni u l-prezzijiet tal-bejgiegħ għal-livelli differenti allegati ta' kummerċ. B'hekk din it-talba twarrbet.

### 6. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn

- (63) Il-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn matul il-perjodu kkunsidrat qed jintwera fit-tabella hawn taħt. Il-volumi u s-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn kienu stabbiliti abbażi tal-informazzjoni statistika pprovdut fuq il-livell TARIC supplimentat bl-informazzjoni mid-data miġbura skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku.

Tabella 4

## Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn

	2008	2009	2010	PIR
Il-Vjetnam				
Volum ta' importazzjonijiet (Kgi)	27 878	14 184	13 776	25 833
Indiċi (2008 = 100)	100	51	49	93
Prezz f'EUR/Kg	44,36	45,34	46,02	56,01
Indiċi (2008 = 100)	100	102	104	126
Il-Korea t'Isfel				
Volum ta' importazzjonijiet (Kgi)	21 299	8 174	11 051	3 319
Indiċi (2008 = 100)	100	38	52	16
Prezz f'EUR/Kg	50,99	44,16	44,16	59,31
Indiċi (2008 = 100)	100	87	87	116
Pajjiżi terzi oħra				
Volum ta' importazzjonijiet (Kgi)	7 641	6 247	10 942	9 186
Indiċi (2008 = 100)	100	82	143	120
Prezz f'EUR/Kg	43,24	59,82	64,98	57,75
Indiċi (2008 = 100)	100	138	150	134
Total				
Volum ta' importazzjonijiet (Kgi)	56 818	28 605	35 779	38 338
Indiċi (2008 = 100)	100	50	63	67
Sehem mis-suq tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra (%)	35 - 40	30 - 35	30 - 35	30 - 35
Prezz f'EUR/Kg	46,70	48,17	51,25	56,71
Indiċi (2008 = 100)	100	103	110	121

Sors: Eurostat, bażi ta' data tal-Artikolu 14(6)

(64) Il-volumi ta' importazzjoni minn pajjiżi terzi oħra lejn is-suq tal-Unjoni naqsu matul il-perjodu kkunsidrat bi kważi 33 %. L-ishma tas-suq naqsu matul il-perjodu kkunsidrat u kienu bejn 30 % sa 35 % matul il-PIR. Prez-zijiet minn pajjiżi terzi oħra żdiedu b'21 % matul l-istess perjodu.

(65) Huwa mfakkar li fl-investigazzjoni oriġinali ma kienx hemm importazzjonijiet sinifikanti tal-prodott simili lejn is-suq tal-Unjoni għajr mir-RPĊ. L-investigazzjoni ori-ginali stabbilit li s-swieq ewlenin tal-produtturi Amerikani u Ġappuniżi li kien għad hemm kienu s-swieq domestiċi rispettivi tagħhom. Għalhekk ġie konkluż li l-importazz-jonijiet minn pajjiżi oħrajn għajr dak tar-RPĊ kienu estrema-ment żgħar.

(66) L-informazzjoni pprovduta mill-industrija tal-Unjoni allegat li ma teżisti l-ebda produzzjoni ta' ET fil-Vjetnam u l-Korea ta' Isfel u li l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi kienu fil-fatt ġejjin mir-RPĊ. Madankollu, ma ttieħdet l-ebda informazzjoni li tikkonferma din l-alleg-gazzjoni matul l-investigazzjoni attwali.

## 7. Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

## 7.1. Kummenti preliminari

(67) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummiss-joni eżaminat il-fatturi ekonomiċi u l-indiċijiet rilevanti kollha li jaffettwaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni.

(68) Billi l-industrija tal-Unjoni hija magħmula minn żewġ produtturi biss, id-data tiġi rrapportata f'firxiet għal raġu-nijiet ta' kunfidenzjalità.

## 7.2. Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-utilizzazz-joni tal-kapaċità

(69) Il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqset bi ftit matul il-perjodu kkunsidrat. Sa tmiem il-PIR, il-produzz-joni naqset b'29 % meta mqabbla mal-2008. Ix-xejra kienet partikolarment negattiva matul l-2009, bi tnaqqis ta' aktar minn 40 %.

Tabella 5

## Produzzjoni totali tal-Unjoni

Volum (kgi)	2008	2009	2010	PIR
Produzzjoni	60 000 – 70 000	35 000 – 40 000	50 000 – 60 000	40 000 – 50 000
Indiċi (2008 = 100)	100	60	82	71

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(70) Il-kapaċità ta' produzzjoni baqgħet stabbli matul il-perjodu kkunsidrat. Hekk kif il-produzzjoni naqset, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità li rriżultat uriet tnaqqis ġenerali ta' 27 % bejn l-2008 u l-PIR, b'41 % ta' utilizzazzjoni tal-kapaċità matul il-PIR. Id-data fid-dettall tidher hawn taħt:

Tabella 6

**Kapaċità ta' produzzjoni u użu tal-kapaċità**

Volum (kgi)	2008	2009	2010	PIR
Kapaċità ta' produzzjoni	95 000 – 110 000	95 000 – 110 000	95 000 – 110 000	95 000 – 110 000
Indiċi (2008 = 100)	100	100	100	100
Użu tal-kapaċità (%)	57	35	47	41
Indiċi (2008 = 100)	100	60	82	73

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

**7.3. Stokkijiet**

- (71) Il-livell tal-istokks tal-għeluq tal-industrija tal-Unjoni naqas b'20 % bejn l-2008 u l-PIR. Din ix-xejra hija konformi mat-tendenza ta' tnaqqis fil-konsum fis-suq tal-Unjoni matul l-istess perjodu.

Tabella 7

**Stokk tal-għeluq**

Volum (kgi)	2008	2009	2010	PIR
Stokk tal-għeluq	5 000 – 15 000	5 000 – 15 000	5 000 – 15 000	5 000 – 15 000
Indiċi (2008 = 100)	100	70	85	80

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

**7.4. Volum tal-bejgħ**

- (72) Il-volum ta' bejgħ mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati naqas bi 23 % bejn l-2008 u l-PIR, b'tnaqqis qawwi bejn l-2008 u l-2009. Din ix-xejra negattiva kienet aktar mit-tnaqqis fil-konsum totali, ħlief għas-sena 2010.

Tabella 8

**Bejgħ lil klijenti mhux relatati**

	2008	2009	2010	PIR
Volum (kgi)	40 000 – 50 000	25 000 – 30 000	35 000 – 40 000	30 000 – 35 000
Indiċi (2008 = 100)	100	65	87	77

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

**7.5. Sehem mis-suq**

- (73) Bħala riżultat ta' dak li ġie osservat fil-premessa preċedenti dwar il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, is-sehem tas-suq miżmum mill-industrija tal-Unjoni naqas matul il-perjodu kkunsidrat. L-industrija

tal-Unjoni, filwaqt li tilfet volumi ta' bejgħ, kienet kapaċi żżomm l-ishma mis-suq tagħha tul l-2009 u l-2010, iżda qalgħet daqqa ta' ħarta matul il-PIR, bit-tnaqqis fil-bejgħ minkejja s-suq dejjem jikber. Dan irriżulta f'shem tas-suq ta' bejn 20 % u 25 %, kemxejn aktar baxx minn dak li kien irreġistrat fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat.

Tabella 9

**Sehem tas-suq tal-Unjoni**

	2008	2009	2010	PIR
Sehem tas-suq tal-Unjoni (%)	25 - 30	25 - 30	30 - 35	20 - 25
Indiċi (2008 = 100)	100	107	117	91

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju, Eurostat, bażi ta' data tal-Artikolu 14(6)

**7.6. Tkabbir**

- (74) Kif spjegat hawn fuq, il-konsum fl-Unjoni naqas sostanzjalment bejn l-2008 u l-2009, bħala riżultat tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, u kien żdied minn dak iż-żmien, mingħajr ma laħaq il-livelli ta' qabel il-kriżi matul il-PIR. L-industrija tal-Unjoni, filwaqt li tilfet volumi ta' bejgħ, kienet kapaċi żżomm l-ishma mis-suq tagħha tul l-2009 u l-2010, iżda qalgħet daqqa ta' ħarta matul il-PIR, bit-tnaqqis fil-bejgħ minkejja s-suq dejjem jikber.

**7.7. Impjiegi u produttività**

- (75) Il-livell tal-impjeg tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 13 % bejn l-2008 u l-PIR.
- (76) Wara t-tnaqqis fil-produttività, il-produttività ta' kull impjegat, il-miżuri bħala produzzjoni f'kg għal kull impjegat, naqas ukoll matul il-perjodu kkunsidrat. Id-data fid-dettall tidher hawn taħt:

Tabella 10

**Impjiegi u produttività totali tal-Unjoni**

	2008	2009	2010	PIR
Indiċi ta' impjegati	100	65	84	87
Indiċi ta' produttività	100	92	106	83

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

**7.8. Prezzijiet tal-bejgħ għal kull unità**

- (77) Il-prezzijiet ta' bejgħ għal kull unità tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni naqset kemxejn bejn l-2008 u l-2010, filwaqt li tirrifletti parzjalment l-impatt tal-kriżijiet ekonomiċi. Bejn l-2010 u l-PIR il-prezzijiet tal-bejgħ għal kull unità żdiedu b'mod sostanzjali. B'mod ġenerali, il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni żdiedu b'35 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dan l-iżvilupp fil-prezzijiet, b'mod partikolari bejn l-2010 u l-PIR, kien ikkawżat minn żieda fil-prezzijiet ta' komponenti ewlenin li jiffurmaw TE.



Tabella 11

**Prezz ta' unità tal-bejgħ tal-Unjoni**

	2008	2009	2010	PIR
Prezz ta' unità tal-bejgħ tal-Unjoni (EUR għal kull unità)	80-120	80-120	80-120	100-140
Indiċi (2008 = 100)	100	94	96	135

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

**7.9. Profittabilità**

- (78) Il-profittabilità tjobet bejn l-2008 u l-PIR, wara li laqget livell iktar baxx fl-2009 u l-2010. Madankollu l-profittabilità baqgħet negattiva matul il-perjodu kollu kkunsidrat.

Tabella 12

**Profittabilità**

	2008	2009	2010	PIR
Kapaċità ta' profittabilità tal-bejgħ tal-Unjoni Indiċi (2008 = 100)	100	95	95	104

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

**7.10. Investiment u dħul mill-investiment**

- (79) L-investiment fin-negozju tal-prodott ikkonċernat naqas b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat.
- (80) Id-dħul mill-investiment segwa tendenza ta' kapaċità ta' profittabilità. Fl-2008 l-industrija tal-Unjoni rreġistrat dħul negattiv mill-investiment li tjob f'it, għalkemm baqa' negattiv matul il-PIR.

Tabella 13

**Investimenti u Dħul mill-Investment**

Indiċi (2008 = 100)	2008	2009	2010	PIR
Investimenti	100	2	23	18
Dħul fuq l-investment	100	100	96	103

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

**7.11. Fluss ta' flus u kapaċità ta' għbir ta' kapital**

- (81) Il-fluss ta' flus, li hija l-kapaċità tal-industrija li tiffinanzja hija stess l-attivitajiet tagħha, espress bħala perċentwali

tal-fatturat tal-prodott ikkonċernat, tjob b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat, għalkemm baqa' negattiv.

Tabella 14

**Fluss ta' flus**

	2008	2009	2010	PIR
Fluss ta' flus Indiċi (2008 = 100)	100	99	96	106

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

**7.12. Pagi**

- (82) Bejn l-2008 u l-PIR, il-pagi tal-industrija tal-Unjoni naqsu b'16 % f'konformità mat-tnaqqis tan-numru ta' impjegati.

**7.13. Daqs tal-marġni tad-dumping**

- (83) Minkejja l-miżuri fis-seħħ, tkompla dumping sostanzjali matul il-PIR flivell li huwa 'l fuq sew mil-livell attwali ta' miżuri. Minħabba l-kapaċità kbira ta' riżerva, l-ispejjeż attwali ta' volumi ta' importazzjonijiet mir-RPĊ u prezzijiet li naqqsu b'mod sinifikanti mill-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, l-impatt fuq l-industrija tal-Unjoni tal-marġini reali tad-dumping ma jstax jitqies li hu negliġibbli.

**7.14. Irkupru minn dumping tal-passat**

- (84) Ġie analizzat jekk l-industrija tal-Unjoni rkupratx mill-effetti ta' dumping fl-imgħoddi. Minkejja l-miżuri anti-dumping fis-seħħ, l-industrija tal-Unjoni ma rnexxilhiex tirkupra mid-dumping tal-passat. Bħala tweġiba għall-pressjoni fuq il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi l-industrija tal-Unjoni ppruvat iżomm sehemha mis-suq iżda kellha telf bħala riżultat.

**8. Konklużjoni dwar il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni**

- (85) L-industrija tal-Unjoni baqgħet fqagħda ekonomika vulnerabbli u komplet iġġarrab ħsara materjali. Kważi l-indikaturi tal-ħsara kollha marbuta mal-prestazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni marru għall-aġar matul il-perjodu kkunsidrat. Għaldaqstant, ma jstax jiġi konkluż li l-qagħda tal-industrija tal-Unjoni hija mingħajr periklu.

- (86) Bħala tweġiba għall-pressjoni tal-importazzjonijiet Ċiniżi l-industrija tal-Unjoni ppruvat iżomm is-sehem tagħha tas-suq, iżda biegħet bi prezzijiet li fil-biċċa l-kbira kienu inqas mil-livell fejn id-dħul jibbilanċja l-infiq. Fil-fatt, iż-żieda tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni bejn l-2010 u l-PIR hija marbuta maż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima u ma kinetx tkopri l-ispiża totali tal-industrija tal-Unjoni.

- (87) Bħala konklużjoni, id-diffikultajiet tal-industrija tal-Unjoni jstgħu jkunu marbuta b'mod ċar mal-preżenza kbira tal-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezzijiet baxxi tal-prodott li

qed jiġi rieżaminat fis-suq tal-Unjoni, li jinbiegħu bi prezzijiet suġġetti għal dumping b'mod sinifikanti, minkejja l-miżuri fis-seħħ. Dan il-fattur ma kienx biżżejjed biex jiddetermina sitwazzjoni fejn l-industrija tal-Unjoni ssofri telf ftentattiv biex iżomm sehem tas-suq raġonevoli. Barra minn hekk, dawn id-diffikultajiet kienu iżjed profondi matul kważi l-perjodu kollu meqjus minn żewġ fatturi: it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku tas-suq matul il-kriżi ekonomika tal-2008-09 u, anke jekk sa ċertu punt, żieda f'daqqa fl-ispejjeż tal-materja prima matul il-PIR. Dan wassal għal xenarju fejn it-telf laħaq livelli sinifikanti.

- (88) Fid-dawl tal-iżvilupp negattiv tal-indikaturi marbuta mal-industrija tal-Unjoni, huwa kkunsidrat li l-industrija tal-Unjoni kompliet iġġarrab ħsara materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu kkunsidrat.

## E. PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI TAL-ĦSARA

### 1. Kummenti preliminari

- (89) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni dehret f'qagħda vulnerabbli, esposta għall-effett ta' ħsara tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ.
- (90) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat ġew iwalutati sabiex tiġi stabbilita l-probabbiltà ta' tkomplija tal-ħsara, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

### 2. Volumi tal-importazzjoni ċiniżi

- (91) Huwa mfakkar li l-konsum fis-suq tal-Unjoni naqas b'mod sinifikanti mill-investigazzjoni oriġinali l-aktar minħabba t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-volumi tal-importazzjonijiet ċiniżi żdiedu għal livell ferm oġhla minn 50 000 kg matul il-PIR. F'dak li jirrigwarda l-volumi tal-importazzjoni, dan żdied b'9 %, filwaqt li naqas is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni.

### 3. Kapaċità żejda fir-RPĊ

- (92) Kif deskritt fil-premessa (46), abbażi tal-informazzjoni disponibbli hemm kapaċità żejda sinifikanti disponibbli fir-RPĊ. Jista' jkun mistenni li parti kbira tal-kapaċità ta' riżerva tista' tintuża biex jiżdiedu l-importazzjonijiet fis-suq tal-Unjoni fin-nuqqas ta' miżuri antidumping. Dan huwa minħabba li ma hemmx indikazzjonijiet li s-swieq ta' pajjiżi terzi jew is-suq domestiku Ċiniż jistgħu jassorbu l-kapaċità żejda sinifikanti Ċiniża. Għalhekk, teżisti l-kapaċità li jiżdiedu b'mod sinifikanti l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni. L-istima ta' kapaċità mhux użata taqbeż kważi ħames darbiet il-konsum tal-Unjoni matul il-PIR.
- (93) Barra minn hekk, l-informazzjoni mibgħuta matul l-investigazzjoni indikat distorsjonijiet importanti fil-materja prima (paratungstat tad-diammonju — "APT") użati għall-manifattura tal-prodott taħt rieżami. Din il-materja prima hija suġġetta għal kwoti ta' esportazzjoni imposti mill-awtoritajiet Ċiniżi kif ukoll għal taxxi fuq l-esportazzjoni. Dan jillimita l-esportazzjonijiet tal-APT u jżid b'mod artifiċjali l-prezz dinji tiegħu. Dawn id-distor-

sjonijiet huma x'aktarx suxxettibbli li jagħtu aktar inċentivi lill-industrija Ċiniża biex tipproduċi u tesporta bi prezzijiet baxxi, filwaqt li l-industrija tal-Unjoni trid tipproduċi l-prodott simili fuq il-bażi ta' prezzijiet artifiċjalment għolja tal-materja prima.

## 4. Attrattività tas-suq tal-Unjoni

- (94) Intwera li l-produtturi esportaturi Ċiniżi wrew interess kontinwu fis-suq tal-Unjoni u kienu kapaċi jżidu l-volumi tal-importazzjoni għas-spejjeż tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Huma diġà żiedu s-sehem diġà sinifikanti tas-suq tagħhom matul il-PIR.

## 5. Konklużjoni

- (95) L-industrija tal-Unjoni ġarrbet l-effetti tal-importazzjonijiet dumped Ċiniżi għal bosta snin u bħalissa għadha f'qagħda ekonomika fraġli.
- (96) Jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, hemm probabbiltà kbira ta' żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping li jistgħu jheddu serjament l-eżistenza tal-industrija tal-Unjoni. Tabilħaqq, fir-RPĊ hemm kapaċità żejda sinifikanti li x'aktarx tkun fil-biċċa l-kbira intiża lejn is-suq tal-Unjoni, bi prezzijiet dumped li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.
- (97) Fid-dawl tas-sejbiet tal-investigazzjoni, jiġifieri l-kontinwazzjoni ta' dumping, il-kapaċità żejda fir-RPĊ, id-distorsjoni misjuba fis-suq għal materja prima, il-potenzjal ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ li jidderieġu mill-ġdid il-volumi tal-esportazzjoni tagħhom lejn is-suq tal-Unjoni, l-imġieba tal-prezzijiet tal-esportaturi Ċiniżi fejn b'mod ċar iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u l-ġibda tas-suq tal-Unjoni, kull tneħħija tal-miżuri x'aktarx twassal għall-issoktar tal-ħsara.

## F. INTERESS TAL-UNJONI

### 1. Introduzzjoni

- (98) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi differenti involuti, jiġifieri dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi, u tal-utenti. Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li juru l-fehmiet tagħhom skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.
- (99) Ta' min ifakkar li, fl-investigazzjoni oriġinali, l-impożizzjoni tal-miżuri tqieset li ma kinitx kontra l-interess tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-fatt li l-investigazzjoni preżenti hija rieżami, li b'hekk tanalizza sitwazzjoni li fiha l-miżuri tal-antidumping diġà kienu fis-seħħ, jippermetti l-valutazzjoni ta' kwalunkwe impatt negattiv mhux xieraq fuq il-partijiet ikkonċernati mill-miżuri tal-antidumping eżistenti.
- (100) Fuq l-istess bażi, ġie eżaminat li għalkemm x'aktarx il-ħsara tad-dumping terġa' tiġri, jeżistu raġunijiet li jwasslu għall-konklużjoni li mhijex fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri f'dan il-każ partikolari.

## 2. Interess tal-industrija tal-Unjoni

- (101) Fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-analiżi dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara, huwa ċar li l-industrija tal-Unjoni aktarx tesperjenza deterjorament serju tal-qagħda finanzjarja tagħha fil-każ li l-miżuri antidumping jitħallew jiskadu. Matul il-perjodu kkunsidrat l-industrija tal-Unjoni tilfet produzzjoni u volum ta' bejgħ filwaqt li l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat żdiedu minkejja l-miżuri fis-seħħ. Matul l-istess perjodu, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni marret għall-agħar hekk kif tibda tesperjenza telf kbir. Għaldaqstant jeħtieġ li jinżammu kundizzjonijiet effettivi ta' kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni.
- (102) Jitqies li t-tkomplija tal-miżuri tibbenefika lill-industrija tal-Unjoni li mbagħad għandha tkun kapaċi li żżid il-volumi tal-bejgħ u ttejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha. B'kuntrast, il-waqfien tal-miżuri jheddu serjament il-vijabilità tal-industrija tal-Unjoni.

## 3. Interess tal-utenti

- (103) L-ebda wieħed mill-15-il utent ikkuntattjat ma resaq biex jikkooopera. Bħal fl-investigazzjoni oriġinali ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju minn utenti interessati. Fl-investigazzjoni oriġinali nuqqas ta' kooperazzjoni kien spjegat permezz tal-impatt baxx ta' ET fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom kif jidher li l-kwalità u l-kredibilità huma l-kriterji primarji għal klijenti. Minħabba dak li jidher bħala impatt marġinali tal-prodott li qed jiġi rieżaminat fuq l-ispejjeż tal-prodotti li jiġu wara l-katina tas-suq, ġie konkluż li l-miżuri ma jolqtux b'mod ħażin l-industrija tal-utenti.

## 4. Interess tal-importaturi

- (104) Tliet importaturi kkuntattjaw lill-Kummissjoni fil-bidu tal-investigazzjoni, iżda ma kinux kkunsidrati bħala partijiet interessati billi dawn ma kienux importaw il-prodott ikkonċernat mir-RPĊ matul il-PIR. Minħabba li l-importaturi ta' ET ma wrew l-ebda interess matul l-istħarriġ, ġie konkluż li ma kienx se jkun b'mod ċar kontra l-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri.

## 5. Konklużjoni

- (105) Minħabba dak imsemmi hawn fuq, huwa konkluż li ma hemm l-ebda raġunijiet konvinċenti kontra ż-żamma tal-miżuri antidumping attwali.

## G. MIŻURI ANTIDUMPING

- (106) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rakkomandat li jinżammu l-miżuri eżistenti. Ingħataw ukoll perjodu biex jissottomettu kummenti wara dak l-iżvelar. Is-sottomissjonijiet u l-kummenti nġhataw il-kunsiderazzjoni dovuta fejn kien ġustifikat.
- (107) Minn dan isegwi li, kif provdut fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri antidumping applikabbli

għall-importazzjonijiet ta' ċerti elettrodi tungstenu li joriġinaw fir-RPĊ, imposti bir-Regolament (KE) Nru 260/2007, għandhom jinżammu.

- (108) Sabiex jiġu minimizzati r-riskji ta' evażjoni minħabba d-differenza għolja fir-rati tad-dazju, huwa kkunsidrat li huma meħtieġa miżuri speċjali f'dan il-każ biex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tad-dazji antidumping. Dawn il-miżuri speċjali, li japplikaw għal kumpaniji li għalihom tkun introdotta rata individwali tad-dazju, jinkludu dan li ġej: il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida, li għandha tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati b'tali fattura għandhom ikunu suġġetti għad-dazju tal-antidumping residwu li japplika għall-produtturi l-oħra kollha,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

1. B'dan huwa impost dazju definittiv antidumping fuq importazzjonijiet ta' elettrodi tungstenu tal-iwweldjar, inklużi biċċiet u vireg tat-tungstenu għall-iwweldjar tal-elettrodi, li fihom 94 % jew aktar bil-piż ta' tungstenu, hliief dawk magħmulin sempliċiment minn tgħaqqid bis-sħana, kemm jekk maqtugħhin għat-tul, u li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 8101 99 10 u ex 8515 90 00 (kodiċijiet TARIC 8101 99 10 10 u 8515 90 00 10) u li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, għall-prodotti deskritti fil-paragrafu 1, u manifatturati mill-kumpaniji mniżżla hawn taħt għandha tkun li ġejja:

Kumpanija	Dazju Anti-dumping	Kodiċi Addizzjonali TARIC
Shandong Weldstone Tungsten Industry Co., Ltd	17,0 %	A754
Shaanxi Yuheng Tungsten & Molybdenum Industrial Co., Ltd	41,0 %	A755
Beijing Advanced Metal Materials Co., Ltd	38,8 %	A756
Il-kumpaniji l-oħra kollha	63,5 %	A999

3. L-applikazzjoni tar-rati individwali tad-dazju speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha sseħħ bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li għandha tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness. Jekk ma tiġix ippreżentata din il-fattura, għandha tapplika r-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Mejju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. BRUTON

---

ANNEX

Il-fattura kummerċjali valida msemmija fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament għandha tinkludi dikjarazzjoni ffirmata minn uffiċjal tal-kumpanija, fil-format li ġej:

1. L-isem u l-pożizzjoni tal-uffiċjal tal-kumpanija li ħareġ il-fattura kummerċjali.
  2. Id-dikjarazzjoni li ġejja: "Jiena, hawn taħt iffirmit, niċċertifika li [il-volum] ta' elettordi tungstenu li nbiegħu għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea u li huma koperti b'din il-fattura ġew manifatturati minn [l-isem u l-indirizz tal-kumpanija] [il-kodiċi addizzjonali TARIC] fil-(pajjiż konċernat). Niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."
-